# Vetturi bil-Mutur: It-Tielet Kwart tal-2023

**NR194/2023** **Release Date: 6 ta' Novembru 2023**

*Fit-tielet kwart tal-2023, l-istokk tal-vetturi bil-mutur bil-liċenzja żdied b'3,968 fuq it-tliet xhur ta' qabel.*



Fi tmiem Settembru 2023, l-istokk tal-vetturi lliċenzjati laħħaq l-436,007. Minn dan l-għadd, 73.9 fil-mija kienu karrozzi tal-passiġġieri, 14.2 fil-mija kienu vetturi kummerċjali jew agrikoli u 11.3 fil-mija kienu muturi/roti megħjunin b'enerġija elettrika, scooters li jitħaddmu bl-elettriku, muturi b'erba' roti, u ATVs. Ix-xarabanks u l-minibuses ammontaw għal anqas minn wieħed fil-mija (Tabella nru 1). Fit-tliet xhur mitqiesa minn din l-istqarrija, l-istokk tal-vetturi lliċenzjati żdied b'rata medja netta ta' 43 vettura kuljum (Ċart nru 2).

**Vetturi li ngħataw liċenzja ġdida**

Fiż-żmien li qed jiġi mifli f'din l-istqarrija, 6,386 vettura ngħataw liċenzja ġdida. Il-maġġoranza tagħhom, 3,575 jew 56.0 fil-mija tat-total, kienu karrozzi tal-passiġġieri. Warajhom ġew il-muturi/roti megħjunin b'enerġija elettrika b'1,173 jew 18.4 fil-mija. Il-vetturi 'ġodda' li ngħataw liċenzja ġdida laħqu t-3,842 jew 60.2 fil-mija tal-għadd sħiħ, mentri l-vetturi 'wżati' li ngħataw liċenzja ġdida kienu jgħoddu 2,544 jew 39.8 fil-mija (Tabelli nri 2-4). Medja ta' 69 vettura ngħataw liċenzja ġdida kuljum fit-tielet kwart tal-2023 (Ċart nru 3).

**Vetturi b'restrizzjoni**

Tul it-tielet kwart tal-2023, kien hemm 5,856 vettura li tneħħew mit-triq minħabba xi restrizzjoni. Fosthom, 40.5 fil-mija kienu ggaraxxjati, 34.3 fil-mija kienu mibjugħin mill-ġdid, filwaqt li 22.8 fil-mija kienu skrappjati. L-għadd ta' vetturi li kellhom ir-restrizzjonijiet mtemmin fl-istess żmien kien ilaħħaq it-3,621. Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu mibjugħin mill-ġdid (51.9 fil-mija) jew ggaraxxjati (47.3 fil-mija) (Tabelli nri 5-6).

**Għamla ta' magna**

Fl-aħħar ta' Settembru tal-2023, 253,739 jew 58.2 fil-mija tal-vetturi kollha kienu jitħaddmu b'magni petrol. Il-vetturi li jitħaddmu b'magni diżil kienu jammontaw għal 156,658 jew 35.9 fil-mija tat-total. Vetturi oħrajn li jitħaddmu b'magni tal-elettriku u bl-elettriku u fjuwil ieħor kienu jġibu 3.7 fil-mija tal-istokk kollu u kienu jgħoddu 15,960 vettura. Meta mqabblin mat-tliet xhur ta' qabel, żidiet ta' 20.6 fil-mija, 13.4 fil-mija, u 10.8 fil-mija kienu rreġistrati fl-għadd ta' vetturi li jitħaddmu bid-diżil u l-elettriku, bl-elettriku, u bid-diżil u l-LPG, rispettivament (Tabella nru 7).

## Ċart nru 1. L-istokk tal-vetturi bil-liċenzja, biż-żmien




## Ċart nru 2. It-tibdil medju ta' kuljum fl-istokk tal-vetturi bil-liċenzja

Kull tliet xhur




Nota: Iċ-ċifri murija fiċ-ċart ta' fuq huma maħduma bil-formula ta' nota nru 9 tal-metodoloġija. Dawn jistgħu jvarjaw xi ftit mit-tibdil miksub mill-formula murija f'nota nru 8 tal-metodoloġija minħabba d-dati tal-għeluq ta' databases differenti.

## Ċart nru 3. Medja ta' vetturi 'ġodda' u vetturi 'wżati' li kuljum ingħataw liċenzja ġdida

Kull tliet xhur

